# IR-ROTA EKONOMIKA



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi



Ħafna jirreferu għall-ekonomija bħala rota. Hawn min jgħid li r-rota qiegħda ddur jew inkella r-rota qiegħda iżżaqżaq, jew weħlet meta l-ekonomija tkun staġnata.

Fil-fatt l-ekonomisti jħarsu lejn l-ekonomija bħala ċirku, fejn wieħed jagħti lill-ieħor biex jerġa' jiġi minn fejn beda.

Minn x'imkien trid tibda. Ejja nibdew u nagħtu ħarsa lejn il-familji bħala istituzzjoni. Il-familji jikkunsmaw u jitolbu s-servizzi u l-affarijiet li jixtru, il-prodotti.

U dawn min jipproduċihom? Hawnhekk huwa l-punt fejn wieħed jibda jdur u jistaqsi u allura jinħoloq is-suq minn fejn imorru jixtru. Però xi ħadd ikun qiegħed iforni lil dan is-suq u allura hawn għandek in-negozji. Mela allura hawnhekk għandek blokka oħra, istituzzjoni oħra, in-negozji fuq in-naħa l-oħra tar-rota li qegħdin ifornu l-istess prodotti u servizzi li qegħdin jitolbu u jikkonsmaw il-familji.

Dawn in-negozji qegħdin jipproduċu servizzi u prodotti tal-manifattura minn kwalunkwe settur li jista' jiġi f'moħħok sew tas-servizzi, turiżmu, *insurances*, banek, affarijiet tal-merċa. Biex jipproduċu dawn l-affarijiet, iridu jixtru l-materja prima. Iridu wkoll jużaw fatturi bħal m'huma x-xogħol, il-makkinarju u l-art biex jibnu u allura hawnhekk, għandek suq ieħor. Fil-każ ta' meta jistaqsu għax-xogħol u l-istess familji, min-naħa l-oħra, joffru l-membri tagħhom biex jaħdmu, hemmhekk għandek suq ieħor, is-suq tax-xogħol.

Min-naħa l-oħra, jekk wieħed qiegħed jitkellem fuq il-kapital, hemm is-suq tal-kapital fejn in-negozjanti, li jkunu qegħdin jipproduċu, jitolbu makkinarju bħat-teknoloġija. L-istess nistgħu ngħidu għall-proprjetà li għandha suq għaliha. F'dan iċ-ċirku l-ekonomija iddur. Issa jekk iddurx bil-mod jew iddurx bil-qawwi jiddependi minn kemm inti jkollok inizjattivi u jkollok investiment, fost oħrajn.

Jekk issa trid tkejjilha din l-ekonomija, kif tasal għall-prodott domestiku gross? Kull tliet xhur il-pajjiżi kollha tad-dinja jagħtu rendikont tagħhom u fl-aħħar tas-sena jagħtu rendikont annwali, bħal ma fil-fatt għamlet Malta ftit ilu meta tat l-aħbar sabiħa li l-ekonomija Maltija kibret b'rata fenominali ta' 'l fuq minn 6% b'mod nominali u b'mod reali ta' 5%.

Din hija tliet darbiet ta' dik li hija l-medja fiż-żona ewro. Dan kollu jfisser li Malta mhux biss ġiet l-ewwel fiż-żona ewro imma li, l-ekonomija kibret tliet darbiet iktar mill-medja tal-pajjiżi kollha fiż-żona ewro.

U allura kif titkejjel l-ekonomija? L-ekonomisti f'din ir-rota jistgħu jogħoqdu fejn iridu u jieħdu r-ritratt tal-ekonomija. Hekk pereżempju jistgħu jmorru u jieħdu rittratt ta' dħul kollu li jaqilgħu n-nies, jiġifieri sew jekk hux pagi, sew jekk humiex profitti, sew jekk humiex *dividends*, sew jekk humiex rati tal-imgħax, dak kollu li huwa dħul.

Meta tgħodd id-dħul kollu tal-pajjiż u tan-nies kollha li qegħdin jgħixu f'Malta, dak id-dħul kollu huwa l-prodott domestiku gross. Dan kollu jagħti stampa ċara.

Jekk trid tara kollox minn naħa oħra, tista' wkoll. Għaliex? Għax dan id-dħul irid jintnefaq.

Mela ritratt ieħor huwa li mhux tħares lejn dak li qegħdin jaqilgħu l-familji u n-negozjanti, imma x'qegħdin jonfqu u jġemmgħu. Jiġifieri għandek il-konsum, għandek il-konsum privat, għandek ukoll dawk li jġemmgħu jew inkella x'jinvestu, għax dawn huma ekwivalenti, u għandek ukoll imbagħad settur li mhux privat imma li huwa pubbliku, li huwa l-Gvern. Mela x'jonfoq il-Gvern u meta tgħodd il-konsum privat ma' dak tal-Gvern u dak l-investiment u kif ukoll dak li nesportaw u nnaqqsu dak li nimpurtaw niġu għall-istess stima ta' dan il-prodott domestiku gross.

Metodu ieħor ta' kif titkejjel l-ekonomija huwa billi għandek ukoll id-dħul li ġej mill-produzzjoni bħas-servizzi. Jiġifieri mod ieħor huwa li tkejjel il-produzzjoni tal-pajjiż b'mod dirett, kemm il-manifattura, kemm x'esportajna, kemm x'ipprovdejna ikel għall-barranin, kemm ipprovdejna f'servizzi, kemm x'tajna f'servizzi tal-banek, eċċ.

Meta tgħodd flimkien għandek it-tielet kejl, il-produzzjoni. Jiġifieri biex tkejjel l-ekonomija, għandek sew il-produzzjoni, għandek id-dħul u għandek il-konsum.

Dawn it-tliet modi ta' kif tista' tkejjel l-ekonomija għandhom jagħtu l-istess stima tal-prodott domestiku gross.

Dan huwa il-ġid li bih ikejlu kemm il-pajjiż huwa għani jew huwa fqir, kemm sejjer tajjeb jew kemm sejjer ħażin. U bi pjaċir ngħidu hawnhekk li, għalkemm l-ekonomija Maltija għadha lura ħdejn il-pajjiżi sinjuri tad-dinja, qiegħda tiggwadanja sew u bil-mod il-mod nisperaw li xi darba nikkonverġu lejn il-medja Ewropea.

Ma nistgħux nippretendu li se nkunu daqs l-iktar pajjiż sinjur, però għall-inqas l-*istandard of living* ta' pajjiżna bil-mod il-mod jibda jersaq lejn dak tal-medja Ewropea.

Dan jista' jsir biss billi t-tkabbir tagħna jkun ogħla minn tagħhom. Jekk it-tkabbir ikun bl-istess rata tagħhom, ma nikkonverġu qatt u nibqgħu b'dik id-differenza li tagħmilhom ħafna aħjar minna.

Però meta aħna nibdew nikbru b'rata iktar minn tagħhom nikkonverġu.

Naħseb li b'dawn il-ħsibijiet, meta wieħed 'l quddiem jisma' dwar l-ekonomija u l-prodott gross domestiku, ikun jista' japprezzah iżjed.

## Id-dimensjoni soċjali tal-Kostituzzjoni

Sur Editur,

Imdorrijin inħarsu lejn il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna b'lenti purament legali għax, fil-fatt, il-Kostituzzjoni hi l-ogħla liġi tal-pajjiż u xi ftit jew wisq kollox idur magħha. Iżda jkun żball jekk ninsew id-dimensjoni soċjali b'laqta ekonomika xejn inqas tal-Kostituzzjoni tagħna, tant li f'Kapitlu 2 tagħha nsibu dik li hi "Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji". Il-leġiżlatur ittraduċa sett ta' "drittijiet" li huma aktar doveri fuq l-Istat Malti, bħalma hu d-dritt għax-xogħol, id-dritt għall-edukazzjoni u bosta drittijiet oħrajn bażilari.

L-Istat hu obbligat li joħloq dawk il-kundizzjonijiet xierqa biex min qed ifittex ix-xogħol, ikun jista' jasal għalih, u għaldaqstant l-Istat jirrikonoxxi d-dritt ta' kull bniedem li jaħdem. Nafu li miċ-ċifri tal-qgħad, l-għadd ta' nies jaħdmu qatt ma kien għoli daqskemm hu llum, u dan minkejja li n-nisa qegħdin ikomplu jiġu megħjuna biex joħorġu jaħdmu huma wkoll.

Jekk inħarsu lejn Artiklu 11 tal-Kostituzzjoni mill-ewwel nintebħu li d-dritt għall-edukazzjoni hu sagrosant u l-Gvern obbligat li, anke jekk persuna m'għandhiex mezzi finanzjarji iżda għandha l-ambizzjoni u trid tilħaq l-ogħla livelli akkademiċi, il-Gvern għandu jara li dan isir.

Mela, anke kostituzzjonalment, jibqa' fundamentali li l-Gvern itejjeb l-edukazzjoni f'Malta u jifrex l-opportunitajiet għat-tagħlim u għat-tkabbir tal-ħiliet ta-istudenti tagħna.

L-ambjent u l-wirt kulturali wkoll jagħmlu parti mid-dikjarazzjoni ta' prinċipji li jistgħu jitqiesu bħala drittijiet soċjali u/jew ekonomiċi.

L-obbligu tal-Gvern tal-ġurnata hu kbir għax jekk dawn id-drittijiet jinkisru jew l-obbligi jirriżultaw minnhom ma jiġux sodisfatti, ir-rimedju ma jkunx wieħed legali iżda politiku u dan ikun ifisser li l-poplu, bħala l-forża politika sovrana tal-pajjiż, juża' l-vot biex jagħti l-ġudizzju tiegħu.

Ikun utli li l-Onorevoli Sinjuri Membri tal-Parlament jikkonsidraw wkoll li fil-Kostituzzjoni f'dan l-istess Kapitlu jiżdiedu d-dritt għall-akkomodazzjoni xierqa kif ukoll id-drittijiet għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Kapitlu 2 tal-Kostituzzjoni għandu jirrifletti dejjem aktar kuxjenza soċjali wiesgħa ħalli min mhux inkluż jiġi protett.

IL-MANIFK,
Il-Ħamrun